MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 2122/2004

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta` l-Enemalta**

**Vs**

**Maria Rosaria Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta` Novembru, 2004, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lil Korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u sitta u hamsin lira, hmistax-il centezmu (Lm256.15) rapprezentanti kontijiet ghal konsum ta` elettriku u kera tal-meter relattiv gewwa l-fond 20, "Nile", Triq Melita, Sliema u dana kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati Dok. WSC 1 u WSC 2.

Bl-ispejjez inkluzi Lm8.75 spejjez ta` l-ittra ufficcjali datata 9 ta` Settembru, 1996 u Lm8.50 spejjez ta` ittra ufficcjali

tal-4 ta` Lulju, 2000 u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tal-15 ta` Gunju, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lil Korporazzjoni attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` mitejn u sitta u hamsin lira, hmistax-il centezmu (Lm256.15), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------